

32004R0582

27.3.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 90/67

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 582/2004**tas-26 ta' Marzu 2004****li jiftaħ stedina permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni li tikkonċerna t-trab tal-ħalib xkumat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 31(3)(b) u (14) tiegħu,

Billi:

- (1) B'konformità ma l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 580/2004 tas-26 ta' Marzu 2004 li jstabilixxi proċedura għall-offerti li tikkonċerna r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib⁽²⁾, il-Kummissjoni iddeċiedet dwar stedina permanenti għall-offerti fi ħdan il-qafas ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għal raġunijiet prattiċi huwa xieraq li jkun hemm provvedimenti għal stedinet separati għall-offerti għall-prodotti referuti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 580/2004. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jiftaħ stedina permanenti għall-offerti għat-trab tal-ħalib xkumat.
- (3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Offerta permanenti hija miftuhha sabiex tiddetermina r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat referut fis-sezzjoni 9 ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3864/87⁽³⁾ fi xkejjer ta' mill-anqas 25 kilogramma piż nett u li jkun fi hmu mhux aktar minn 0,5 % bil-piż ta' materja mhux lattika li jidħol taħt il-kodi tal-prodott ex 0402 10 19 90/00, intiż għall-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet l-oħrajn apparti milli l-Andorra, Ċipru, l-Estonja, Ġibiltà, l-Ungerija, it-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, l-Islovakkja, l-Islovenja, ir-Repubblika Ċeka, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Belt tal-Vatikan.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, tat-3.2.2004, p. 6).

⁽²⁾ Ara l-paġna 58 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1.<0}

2. Il-proċedura ta' l-offerti hija suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 580/2004 u f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. L-offerti jstgħu ikunu ippreżentati biss matul il-perijodi ta' l-offerti u għandhom ikunu validi għall-perijodu ta' l-offerti li dwaru jkun ippreżentati.

2. Kull perijod ta' l-offerti għandu jibda fil-11:00 (ħin ta' Brussel) fl-ewwel u t-tielet nhar ta' Erbgħa tax-xahar apparti milli l-ewwel Erbgħa ta' Awissu u t-tielet Erbgħa ta' Diċembru. Jekk l-Erbgħa tkun festa pubblika, il-perijodu għandu jibda fil-11:00 (ħin ta' Brussel) tal-jum utili li jkun imiss.

Kull perijod ta' l-offerti għandu jibda fil-11:00 (ħin ta' Brussel) ta' l-Erbgħa li jġi wara it-tieni u r-raba' bħar ta' Tlieta tax-xahar, apparti mit-tieni Erbgħa ta' Awissu u r-raba' Erbgħa ta' Diċembru. Jekk l-Erbgħa tkun festa pubblika, il-perijodu għandu jibda fil-11:00 (ħin ta' Brussel) tal-jum utili preċedenti.

3. Kull perijodu ta' l-offerti għandu jkun innumerat f'serje li tibda bl-ewwel perijodu li hemm provvedimenti dwaru,

Artikolu 3

1. Kull offerta għandha tkun tikkonċerna kwantità minima ta' mill-anqas 10 tunnellati trab tal-ħalib xkumat.

2. Il-garanzija ta' l-offerta għandha tkun ta' EUR 26 għal kull 100 kilogramma ta' trab tal-ħalib xkumat. Il-garanzija ta' l-offerti għandha ssir il-garanzija tal-liċenza ta' l-esportazzjoni meta l-offerta tkun aċċettata.

3. L-offerti għandhom ikunu ippreżentati lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri elenkati fl-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri referuti fir-Regolament (KE) Nru 580/2004 u tar-Regolamenr preżenti li lilhom l-offerti għandhom ikunu ippreżentati:

- | | |
|--|--|
| <p>BE Bureau d'intervention et de restitution belge
Belgisch Interventie- en Restitutiebureau
Rue de Trèves 82/Trierstraat 82
B-1040 Bruxelles/Brussel
Tél./Tel. (32-2) 287 24 11
Télécopieur/Fax (32-2) 287 25 24</p> | <p>IT Ministero delle Attività produttive
Dipartimento commercio estero
DG Politica commerciale - Div. II
Viale Boston 25
I-00144 Roma
Tel.: (39-06) 599 3220
Fax (39-06) 599 3214</p> |
| <p>DK Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri
Direktoratet for FødevarerErhverv
Eksportstøttekontoret
Nyropsgade 30
DK-1780 København V
Tlf. (45) 33 95 80 00
Fax (45) 33 95 80 80</p> | <p>LU OFFICE DES LICENCES
21, rue Philippe II
L-2011 Lussemburgu
Tél.: (35-2) 478 2370
Télécopieur: (35-2) 466138</p> |
| <p>DE Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung
(BLE)
D-60083 Frankfurt am Main
Tel. (49-69) 15 64 -732, 774, 884
Fax (49-69) 15 64-874, 792</p> | <p>NL Productschap Zuivel
Louis Braillelaan 80
NL 2719 EK Zoetermeer
Tel.: (31)-(0)79 368 1534
Fax (31) (0)79 368 1954
E-mail: HR@PZ.AGRO.NL</p> |
| <p>EL O.P.E.K.E.P.E. - Direction Dilizo
Rue Acharnon 241
GR-10446 Athènes
Tel.: (30-210) 212 49 03 - (30-210) 212 49 11
Fax (30-210) 86 70 503</p> | <p>AT Agrarmarkt Austria
Dresdner Straße 70
A-1201 Wien
Tel.: (43-1) 331 51
Fax (43-1) 331 51 396
E-mail: bereich.MILCH@AMA.GV.AT</p> |
| <p>ES Ministerio de Economía
Secretaría General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana, 162
E-28071 Madrid
Tel.: (34) 913 49 37 80
Fax (34) 913 49 38 06</p> | <p>PT Ministério das Finanças
Direcção-Geral das Alfândegas e dos Impostos
Especiais sobre o Consumo
Direcção de Serviços de Licenciamento
Rua Terreiro do Trigo - Edifício da Alfândega
P-1149 - 060 Lisboa
Tel.: (351-21) 881 42 62
Fax (351-21) 881 42 61</p> |
| <p>FR Office national interprofessionnel du lait et des
produits laitiers
2 rue Saint-Charles
F-75740 Paris Cedex 15
Tél.: (33-1) 73005000/
Fax (33-1) 73005050
Service de Commerce extérieur:
Tél.: (33-1) 73005044/Fax (33-1) 73005395</p> | <p>FI Maa- ja metsätalousministeriö
Interventioyksikkö
P.O. Box 30
FIN-00023, Government Finland
Puh: (358-9) 160 01
Telekopio: (358-9) 1605 2707</p> |
| <p>IE Department of Agriculture and Food
Johnstown Castle Estate
Wexford
Ireland
Tel. (353) 53 63 400
Fax (353) 53 42 843</p> | <p>SE Statens jordbruksverk
Vallgatan 8
S-51182 Jönköping
Tfn: (46-36) 15 50 00
Fax (46-36) 19 05 46</p> |
| <p>UK Rural Payments Agency (RPA)
Lancaster House, Hampshire Court
Newcastle-upon-Tyne NE4 7YE
United Kingdom
Tel. (44-191) 226 52 62
Fax (44-191) 226 52 12</p> | |